MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2025

Appell Inferjuri Numru 13/2024 LM

**Paul Spiteri (K.I. nru. 153553M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurta' Soċjali**
*('Id-Direttur Ġenerali appellat')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Paul Spiteri (K.I. nru. 153553M)**, mid-deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Ġunju, 2024 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mill-Arbitru tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], li ddeċieda t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur Ġenerali appellat'], kif ġej:

> *"Għaldaqstant l-Arbitru filwaqt li jagħmel referenza għas-suespost u għat-talbiet tal-Appellant kif dedotti jiddisponi minn dan l-Appell billi jiċħad l-appell ta' Paul Spiteri u jikkonferma d-deċiżjoni tal-istess li f'dan il-każ l-Avviż Legali 289 tas-sena 2016 ma japplikax b'mod retroattiv lill-appellant."*

**Fatti**

2. Ir-rikorrent spjega li fis-16 ta' Novembru, 2021 huwa irċieva *email* mingħand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li permezz tagħha ġie infurmat li ladarba huwa kien irtira fis-sena 2015 fl-età ta' 62 sena, il-miżuri introdotti fis-sena 2016 ma japplikawx għalih, ladarba huwa kien diġà irtirat meta dawn ġew introdotti. Ir-rikorrent qal li permezz ta' din id-deċiżjoni, id-Direttur Ġenerali intimat kien qiegħed iċaħħdu mid-drittijiet tiegħu skont il-liġi. Qal li din hija deċiżjoni żbaljata għaliex tmur kontra l-liġi li stabbiliet l-iskema taż-żjieda fuq il-pensjoni stabbilita permezz tal-Avviż Legali 289 tas-sena 2016. Qal li huwa kien impjegat mas-soċjetà Euro Supplies / JB Plastics Limited sas-sena 2015, meta din is-soċjetà naqsilha ħafna x-xogħol, u għalhekk meta huwa laħaq l-età tal-irtirar huwa ma setax jibqa' jaħdem mal-istess *employer,* iżda kien irrinunzja għall-pensjoni u beda jaħdem bħala *tourist guide.* Qal li huwa sar eliġibbli għall-pensjoni fis-sena 2015, iżda kien irrinunzja għaliha sabiex jibqa' jaħdem, u filwaqt li kien qiegħed jaħdem huwa baqa' jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, minkejja li ddiferixxa d-dritt tiegħu għall-pensjoni. Ir-rikorrent irrefera għall-artikolu 2 tal-Avviż Legali 289 tas-sena 2016[1], u qal li huwa għandu

---

[1] L-artikolu 2 tal-Avviż Legali 289 tal-2016 jipprovdi li:

"(1) Kull persuna illi tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u li tagħżel li tibqa' f'impjieg assigurabbli fis-settur privat jew taħdem għaliha nnifisha ma tiħux il-pensjoni msemmiija fl-artikolu 64A tal-imsemmi Att meta jkollha dritt għaliha.
(2) L-imsemmija pensjoni għandha tkun qiegħda tiġi rrinunzjata għal mhux anqas minn sena mid-data meta l-persuna jkollha dritt għaliha u tibqa' f'impjieg assigurabbli fis-settur privat jew taħdem għaliha nnifisha."

jkun benefiċjarju ta’ din id-dispożizzjoni tal-liġi, għaliex huwa kien jissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u kien għażel li jibqa’ f’impjieg assigurabbli jew li jibqa’ jaħdem għalih innifsu fis-sena 2015, għal mill-anqas sena. Ir-rikorrent qal li l-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn jekk kontribwent ikunx irrinunzja jew le qabel jew wara d-dħul tal-liġi, u lanqas ma tagħmel distinzjoni bejn persuni li jkunu diġà ddiferew it-teħid tal-pensjoni le. Qal li dan huwa l-qofol kollu tal-kwistjoni, għaliex meta huwa kien għadu fil-mori tad-differiment tal-pensjoni tiegħu, ma setax jingħad li huwa tilef id-dritt tiegħu minħabba d-data meta huwa għalaq l-età ta’ tnejn u sittin (62) sena. Ir-rikorrent qal li huwa essenzjali li jiġi sottomess li meta daħlet il-liġi fis-seħħ, huwa kien jissodisfa l-kriterji kollha mfassla fl-Avviż Legali *de quo* sabiex jirċievi ż-żieda ta’ ħamsa fil-mija (5%) tal-pensjoni tiegħu. In vista ta’ dan, ir-rikorrent talab lill-Arbitru jogħġbu jirrevoka d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat u jordna u jiddikjara li r-rikorrent huwa eliġibbli skont il-liġi għaż-żieda ta’ 5% fil-pensjoni pagabbli lilu *ai termini* tal-istess Avviż Legali.

3. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrent beda jibbenefika mill-pensjoni taż-żewġ terzi fl-14 ta’ Frar, 2015, għaliex huwa twieled fil-11 ta’ Frar, 1953. Qal li huwa beda u baqa’ jieħu pensjoni minn dakinhar. Qal li l-Avviż Legali li daħħal id-differiment tal-pensjoni għal żieda fil-perċentwal tal-istess pensjoni, daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar, 2016, u dan kien jiġi kważi sena wara li r-rikorrent beda jieħu l-pensjoni. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li bħal ma jsir f’kull baġit, il-miżuri jidħlu dejjem fis-seħħ minn Jannar ta’ wara, u qatt ma jkunu retroattivi.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni appellata, l-Arbitru ddeċieda li d-Direttur Ġenerali intimat kellu raġun fid-deċiżjoni li ħa u li dak kontenut fl-Avviż Legali 289 tas-sena 2016 m'għandux japplika b'mod retroattiv għar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*L-Avviż Legali 289 tas-sena 2016*

*Illi dan il-każ jirrigwarda għal dak li hemm fl-Avviż Legali fejn saret referenza għar-regolament 2 fejn jgħid hekk:*

"2(1) Kull persuna illi tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u li tagħżel li tibqa' f'impjieg assigurabbli fis-settur privat jew taħdem għaliha nnifisha ma tiħux il-pensjoni msemmija fl-artikolu 64A tal-imsemmi Att meta jkollha dritt għaliha.

(2) L-imsemmija pensjoni għandha tkun qiegħda tiġi rrinunzjata għal mhux inqas minn sena mid-data meta l-persuna jkollha dritt għaliha u tibqa' f'impjieg assigurabbli fis-settur privat jew taħdem għaliha nnifisha."

*Illi l-appellant fis-sottimissjonijiet tiegħu jagħmel ampja referenza għal dan ir-regolament fejn skont huwa għandu japplika għalih għalkemm huwa beda jirċievi l-pensjoni fis-sena 2015 qabel ma kien daħal fis-seħħ dan l-Avviż Legali. Illi f'dan il-każ, il-kwistjoni kollha ddur fuq il-fatt jekk meta daħal fis-seħħ għandux japplika għall-każ in kwistjoni. Illi mill-qari ta' dan ir-regolament ma hemm ebda referenza li għandu japplika b'mod retroattiv għal każijiet ta' qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-regolament. Illi fil-fatt jekk wieħed iħares fir-regolament numru 1, li jgħid hekk:*

"1.(1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 dwar Żieda Perċentwali fir-Rata ta' Pensjoni Kontributorja għall-irtirar.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2016."

*Illi għalhekk huwa ċar li dan beda fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016 u għalhekk ma hemm ebda referenza għall-fatt li jista' jiġi fis-seħħ qabel din id-data. Illi fl-istess ħin, l-appellant jagħmel referenza wkoll għall-Avviż Legali 93 tas-sena 2019. Illi jidher li f'dan il-każ, id-differenza minn wieħed għall-ieħor hija li fl-ewwel każ dak tas-sena 2016 kien japplika għal dawk li kienu fis-settur privat biss. Illi waqt li t-tieni*

*regolament japplika għal kwalunkwe qasam mingħajr distinzjoni bejn il-privat jew le. Illi però wkoll dan ir-regolament daħal fis-seħħ f'data partikolari u ċioe fl-1 ta' Jannar, 2019. Illi wkoll hawnhekk ma hemm ebda referenza għal kwistjoni li għandu japplika għas-snin ta' qabel. Illi f'dan il-każ, persuni li kienu jaħdmu fil-qasam pubbliku, kienu qegħdin fl-istess sitwazzjoni li kien qiegħed l-appellant u ċioe li ma kienx japplika għalih l-ebda wieħed minn dawn ir-regolamenti minħabba li ma japplikawx b'mod retroattiv.*

*Illi f'dan il-każ l-Arbitru ma jistax jaqbel mal-appellant li dawn l-Avviżi Legali għandhom jiġu applikati b'mod retroattiv fil-każ tiegħu.*

*Decide*

*Għaldaqstant l-Arbitru filwaqt li jagħmel referenza għas-suespost u għat-talbiet tal-appellant kif dedotti jiddisponi minn dan l-appell billi jiċħad l-appell ta' Paul Spiteri u jikkonferma d-deċiżjoni tal-istess li f'dan il-każ l-Avviż Legali 289 tas-sena 2016 ma japplikax b'mod retroattiv lill-appellant."*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fl-1 t'Awwissu, 2024, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Arbitru tal-24 ta' Ġunju, 2024, u konsegwentement tilqa' l-appell tiegħu, u tiddikjara li l-Avviż Legali 289 tas-sena 2016 japplika għas-sitwazzjoni tal-appellant ukoll.

6. L-appellant qal li huwa jħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex din qiegħda toħloq trattament divers, inġust u illegali bejn it-trattament tal-appellant u dak ta' persuni oħra fil-pożizzjoni tiegħu li għalihom japplikaw dawn ir-Regolamenti, u qal li għalhekk l-Arbitru messu iddeċieda li l-Avviż Legali 289 tal-2016 japplika wkoll għall-każ tiegħu.

7. L-appellant qal li sas-sena 2015 huwa kien impjegat ma' Euro Supplies/JB Plastics Limited, meta s-soċjetà li kienet timpjegah naqsilha ħafna x-xogħol, u għalhekk meta huwa laħaq l-età tal-irtirar, ma setax jibqa' jaħdem mal-istess

*employer,* iżda xorta waħda irrinunzja għall-pensjoni u beda jaħdem bħala *tourist guide.* Qal li huwa sar eliġibbli għall-pensjoni fis-sena 2015, iżda rrinunzja għaliha sabiex ikun jista' jibqa' jaħdem. L-appellant qal li mill-provi għandu jirriżulta li huwa kien u għadu jissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u għalhekk il-vertenza odjerna tiċċentra fuq jekk l-Avviż Legali japplikax għalih jew le. L-appellant qal li mill-mod kif inhu abbozzat l-Avviż Legali, m'għandux ikun hemm distinzjoni bbażata fuq meta persuna għamlet l-għażliet imsemmija fl-Avviż Legali, u l-Arbitru donnu wasal għall-konklużjoni li min-natura tagħhom ir-Regolamenti jeskludu persuni li għamlu l-għażla tagħhom qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti. Kompla jgħid li l-kliem *'kull persuna illi tissodisfa'* u *'li tagħżel',* huwa kliem ċar li juri li hemm l-intenzjoni li anki min kien qiegħed fiż-żmien ta' *'differiment'* tal-pensjoni tiegħu, għandu jiġi kopert minn dan l-Avviż Legali. L-appellant qal li l-Avviż Legali ma jgħidx *'mil-lum 'il quddiem'*, jew jagħmilha ċara li persuni li kienu ddeferew qabel dik id-data ma kinux intitolati għaż-żjieda fil-pensjoni kif stipulat fl-istess Avviż Legali. Żied jgħid li kieku l-liġi riedet *cut-off point,* dan kienet tispeċifikah, u minkejja li l-Avviż Legali in kwistjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016, ma jfissirx illi dan awtomatikament jeskludi l-applikazzjoni tiegħu għal dawk li fiż-żmien qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, kienu diġà ddeferew il-ħlas tagħhom tal-pensjoni, u baqgħu jaħdmu bi qligħ. Qal li fuq il-prinċipju ta' *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* jidher ċar li ladarba l-Avviż Legali ma eskludiex l-applikazzjoni tiegħu għal persuni fl-istess pożizzjoni tal-appellant, ma jistax id-Direttur Ġenerali appellat jiddeċiedi hu b'dan il-mod, u jċaħħad lill-appellant minn dak li huwa dritt tiegħu. Qal li anki l-informazzjoni disponibbli fuq il-*website* tad-Dipartiment ma tagħmilx id-distinzjoni li jagħmel id-Direttur

Ġenerali appellat, u minn dan is-sit jirriżulta li l-persuni huma maqsuma f'faxex ta' età, u allura hemm distinzjoni bejn persuni li twieldu bejn l-1952 u l-1955, li l-età pensjonabbli għalihom hija ta' 62 sena, u persuni li twieldu fi snin oħra u li għalihom l-età pensjonabbli hija ogħla. Qal li kull min twieled bejn l-1952 u l-1955 jista' jirtira ta' 62 sena, u għalhekk persuni li jaqgħu f'din il-faxxa ta' età japplikaw favur tagħhom id-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 289/2016. L-appellant qal li huwa twieled fis-sena 1953, u għalhekk jaqa' fil-faxxa ta' nies li setgħu jirtiraw ta' 62 sena, iżda d-deċiżjoni appellata qiegħda toħloq diskriminazzjoni ċara bejn persuni li twieldu fi snin differenti, iżda li kollha jistgħu jirtiraw fl-età ta' 62 sena. Qal li din hija diskriminazzjoni ċara għaliex m'hemm l-ebda raġuni oġġettiva għalfejn persuni li twieldu fis-sena 1952 għandhom jiġu mċaħħda mill-pensjoni riveduta jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Avviż Legali 289/2016. Qal li l-liġi ma tridx din id-diskriminazzjoni, u li kieku riditha, kienet tagħmilha ċara li kien hemm *cut-off point,* u anki d-Direttur Ġenerali appellat kien jagħmilha ċara fl-informazzjoni li jagħti. Qal li għalhekk l-interpretazzjoni tal-liġi li jagħtu kemm l-Arbitru kif ukoll id-Direttur Ġenerali, hija kontradetta mill-informazzjoni li jagħti d-Direttur Ġenerali nnifsu, u fi kwalunkwe każ l-interpretazzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali qiegħda tiddiskrimina bejn persuni li twieldu fis-snin 1952 u 1953, filwaqt li tapplika l-Avviż Legali favur persuni li twieldu fis-snin 1954 u 1955. Qal li dan huwa illegali, u li m'hemm l-ebda raġuni legali li tiġġustifika din id-diskriminazzjoni. Kompla jgħid li huwa jifhem li l-Arbitru jista' jkun ippreokkupat dwar l-effetti li s-suċċess tal-appell tiegħu jista' jkollhom fuq il-finanzi pubbliċi, iżda l-Gvern diġà sab ruħhu f'din iċ-ċirkostanza meta fis-sena 2020 iddeċieda li d-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali numru 289/2016 għandhom japplikaw għas-servizz pubbliku mid-

data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Avviż Legali. Qal li huwa mhux jitlob li jingħata *lump sum* sabiex ipatti għas-snin li fihom il-pensjoni tiegħu ma ġietx riveduta, iżda qiegħed jitlob formalment li anki għas-sitwazzjoni tiegħu, tiġi applikata s-sistema li ġiet adottata għall-impjegati pubbliċi li għalihom ser japplika l-Avviż Legali 289/2016. Qal li għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-Arbitru jasal għall-istess deċiżjoni li wasal għaliha d-Direttur Ġenerali. Qal li bil-mod kif inhi miktuba l-liġi, huwa d-Direttur Ġenerali li qiegħed joħloq fil-persuni li jaqgħu taħt dawn il-kategoriji ta' persuni, *legitimate expectation* li ż-żjieda fil-pensjoni għandha tapplika għal kull min qiegħed fil-pożizzjoni tiegħu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. Id-Direttur Ġenerali appellat fir-risposta tiegħu qal li in sostenn tal-appell tiegħu, l-appellant qiegħed iressaq l-istess argumenti miġjuba minnu quddiem l-Arbitru, billi jsostni li d-diċitura tar-regolament 2(1) tal-L.S. 318.24 tagħmlu eliġibbli għal żieda fir-rata tal-pensjoni. Qal li a tenur tal-artikolu 9 tal-Kap. 249, id-diċitura tar-regolament 2(1) tal-L.S. 318.24 hija retroattiva għad-data li fiha daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 289 tal-2016 li sar bih, jiġifieri b'effett mill-1 ta' Jannar, 2016. L-appellat qal li huwa prinċipju rikonoxxut, anke mill-Qrati tagħna, u fil-fatt iċċita ġurisprudenza li tgħid dan, li liġi ġdida għandu jkollha effett mid-data li fiha tidħol fis-seħħ 'il quddiem, u l-effett retroattiv huwa eskluż. L-appellat spjega li ladarba huwa ċar mill-imsemmi artikolu 9 tal-Kap. 249, li l-leġislatur irid li r-regolamenti taħt il-Liġi Sussidjarja, f'dan il-każ il-L.S. 318.24, japplikaw mid-data tal-bidu fis-seħħ tal-Att li bih saru, f'dan il-każ l-Avviż Legali 289 tal-2016, l-appellant mhux intitolat għad-dritt mogħti bil-L.S. 318.24 li daħlet fis-seħħ bl-Avviż Legali 289 tal-2016. Dan għaliex ladarba huwa twieled

fl-1953, a tenur tal-artikolu 2 tal-Kap. 318 fis-sena 2015, huwa laħaq l-età pensjonabbli ta' 62 sena, jiġifieri qabel daħal fis-seħħ ir-regolament 2(1) tal-L.S. 318.24. L-appellat qal li huwa l-istess Avviż Legali 289 tal-2016 u mhux l-Arbitru, u qablu d-Direttur Ġenerali appellat, li ħolqu dan it-trattament divers, inġust u illegali bejn it-trattament tal-appellant u persuni oħra fil-pożizzjoni tiegħu. Qal li l-Arbitru u l-Qorti huma marbuta li jiddeċiedu skont id-dettami tal-liġi, u m'għadhom ebda diskrezzjoni jmorru kontra d-dispost espress tal-liġi, u jibdlu l-applikabilità tagħha bil-mod li qiegħed jippretendi l-appellant. Qal ukoll li l-liġi għadha *in vigore,* u għandha tiġi applikata fit-termini espressi tagħha. L-appellat qal li jekk l-appellant huwa tal-fehma li l-L.S. 318.24 jilledi xi dritt kostituzzjonali, huwa ma kellux jistitwixxi din l-azzjoni taħt l-artikolu 109 tal-Kap. 318, li jagħtih dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Arbitru, iżda kellu jitlob, permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) li l-istess liġi tiġi dikjarata invalida taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jew anti-konvenzjonali għaliex tmur kontra xi dritt fundamentali stipulat fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Qal li ladarba l-appellant dan m'għamlux, u ladarba m'hemm l-ebda deċiżjoni mill-Qrati tagħna fejn il-liġi ġiet dikjarata invalida jew anti-kostituzzjonali, id-Direttur Ġenerali appellat, u warajh l-Arbitru u l-Qorti għandhom l-obbligu li japplikaw il-liġi kif inhi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju imressaq mill-appellant, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-

deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mid-Direttur Ġenerali appellat.

*L-Aggravju:* *[Bid-deċiżjoni tiegħu l-Arbitru ħoloq trattament inġust, divers u diskriminatorju bejn l-appellant u persuni oħra fl-istess pożizzjoni tiegħu]*

10. L-appellant istitwixxa dawn il-proċeduri wara li ġie infurmat mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li d-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali 289 tal-2016 ma japplikawx għalih. L-appellant spjega li huwa laħaq l-età tal-irtirar fis-sena 2015, meta għalaq tnejn u sittin (62) sena, iżda huwa baqa' jaħdem u baqa' jħallas il-kontribuzzjonijiet soċjali. L-appellant qal li huwa kien jissodisfa d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, li japplika għal persuni li huma eliġibbli li jirtiraw qabel jilħqu l-età tal-pensjoni minħabba fl-ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa minnhom. Qal li l-Avviż Legali 289 tal-2016 imkien ma jgħid li persuni li ddiferew id-data li fiha jieħdu l-pensjoni ma kinux intitolati għaż-żieda fil-pensjoni, u l-liġi ma toħloq ebda *cut-off point* b'data minn meta għandha tibda tapplika l-emenda leġislattiva li ġiet introdotta. Qal li persuni li twieldu bejn l-1952 u l-1955 kollha jaqgħu taħt l-istess faxxa ta' persuni anki għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u għalhekk m'għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn persuni li twieldu fl-1952, u li għalhekk laħqu l-età ta' 62 sena fis-sena 2015, u persuni li twieldu fl-1954, u li għalhekk laħqu l-età ta' 62 sena, l-età tal-irtirar għal persuni li twieldu bejn l-1952 u l-1955, fis-sena 2016. Fil-fehma tal-appellant, m'hemm l-ebda raġuni għalfejn persuna li twieldet fl-1952 għandha tiġi mċaħħda mill-pensjoni riveduta, jekk tissodisfa r-rekwiżiti tal-Avviż Legali 289 tal-2016.

11. Il-Qorti tirrileva li l-Avviż Legali 289 tal-2016 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016, jiġifieri f'data meta l-appellant kien diġà eliġibbli għall-pensjoni, imma jirriżulta li huwa kien irrinunzja għaliha, sabiex b'hekk is-sitwazzjoni tiegħu kienet taqa' taħt dak li jipprovdi l-artikolu 2 tal-istess Avviż Legali, li jgħid hekk:

> "2(1) Kull persuna illi tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u li tagħżel li tibqa' f'impjieg assigurabbli fis-settur privat jew taħdem għaliha nnifisha ma tiħux il-pensjoni msemmija fl-artikolu 64A tal-imsemmi Att meta jkollha dritt għaliha."

12. Il-fatt li l-appellant seta' jirtira fis-sena 2015, f'data meta l-Avviż Legali in kwistjoni kien għadu ma daħalx fis-seħħ, huwa għal kollox immaterjali, għaliex meta daħlet fis-seħħ il-Leġislazzjoni Sussidjarja 318.24 (ir-Regolamenti dwar Żieda Perċentwali fir-Rata ta' Pensjoni Kontributorja għall-Irtirar), is-sitwazzjoni tal-appellant kienet tinkwadra taħt dan ir-regolament, għaliex minkejja li huwa kien jissodisfa dak li jgħid l-artikolu 64A tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, huwa baqa' jaħdem f'impjieg assigurabbli, u b'hekk ma ingħatax il-pensjoni. Id-data li fiha l-appellant seta' jew kellu jirtira għalhekk mhijiex konsiderazzjoni li kellha tittieħed fid-deċiżjoni dwar jekk l-appellant għandux jieħu ż-żieda perċentwali li jipprovdi għaliha l-Avviż Legali 289 tal-2016. Fil-fatt ir-regolament 3 tal-istess Avviż Legali jipprovdi illi:

> "3. Kull persuna li tirrinunzja għal pensjoni msemmija għal mhux inqas minn sena mid-data meta ssir eliġibbli tibda tibbenefika minn żieda fir-rata tal-pensjoni mid-data meta tiddeċiedi li tibda tirċievi l-pensjoni msemmija kif ġej:
>
> (a) Żieda ta' 5% jekk tieħu l-pensjoni wara sena;
> (b) Żieda ta' 10.5% jekk tieħu l-pensjoni wara sentejn;
> (c) Żieda ta' 16.5% jekk tieħu l-pensjoni wara tliet snin;
> (d) Żieda ta' 23% jekk tieħu l-pensjoni wara erba' snin."

13. L-uniku mod kif il-leġislatur ikkwalifika l-intitolament għaż-żieda perċentwali kkontemplat, jagħmel riferiment biss għas-sena li fiha l-persuna tiddeċiedi li ser tieħu l-pensjoni, u mhux għad-data li fiha l-persuna attwalment kienet eliġibbli għall-pensjoni. Għaldaqstant il-Qorti tqis li għandu raġun l-appellant meta jgħid li l-interpretazzjoni li qiegħda tingħata mid-Direttur Ġenerali appellat u mill-Arbitru, hija waħda inġusta u diskriminatorja fil-konfront tiegħu, għaliex il-liġi ma tgħidx li r-Regolamenti in kwistjoni japplikaw b'rabta mas-sena li fiha l-persuna kienet eliġibbli għall-irtirar, iżda huma marbuta mas-sena li fiha l-persuna tiddeċiedi li tibda tirċievi l-pensjoni. Jekk dan seħħ f'xi żmien wara l-1 ta' Jannar, 2016, kif inhu l-każ odjern, l-appellant għandu dritt għaż-żieda kkontemplata fl-artikolu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 318.24. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tilqgħu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tilqgħu, u għalhekk tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata, u tiddikjara li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali tas-16 ta' Novembru, 2021 kienet żbaljata u bla effett, u konsegwentement tiddikjara li l-Avviż Legali 289 tal-2016 huwa applikabbli wkoll għall-appellant.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mid-Direttur Ġenerali appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**